**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 19 t'April 2018**

**Pulizija**

**Spettur Priscilla Caruana Lee**

**Vs**

**Andrea Maria Scopazzi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Andrea Maria Scopazzi ta' 30 sena, bint Sergio u Tania nee' Mizzi, imwielda Australia nhar it-8 ta' Novembru, 1985, residenti gewwa 31, Hope Crt, Flat 2, triq ic-Crieki, Marsaskala u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 156396M;

Talli fis-6 ta' Dicembru, 2015 f'xi hin bejn is-13:00hrs u 17:00hrs gewwa l-Belt Valletta:

1) Ikkomettiet serq ta' wallet b'diversi dokumenti fosthom HSBC casd u HSBC Visa card mahruga mill-HSBC, f'isem Liza Parlato Trigona;

2) Meta sabet hwejjeg li jkunu naqsu lil xi persuna jew li din tkun tilfet, ma gharfitx bihom, fi zmien tlitt ijiem, lill-Pulizija Ezekuttiva;

3) Bi hsieb li taghmel delitt, uriet dan il-hsieb b'atti esterni u tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta' serq b'uzu ta' karta ta' kreditu ghad-dannu ta' Liza Parlato Trigona u/jew persuni ohra, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' taghha liema delitt li kieku sar kien ikun ikkwalifikat bil-valur;

4) B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamlet uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqdiet b’qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq hadd iehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika uriet dan il-hsieb b’atti esterni u billi tat bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ taghha ghad-dannu ta’ Liza Parlato Trigona u jew persuni ohra;

5) U aktar talli kkommettiet reat waqt li kienet taht ordni ta’ probation, liema sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati preseduta mill-Magistrat Dr. A. Vella LL.D nhar it-8 ta’ Mejju, 2014 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

6) Il-Qorti hi mitluba li f’kaz ta’ htija titratta ma’ l-imputata li hija recediva ai termini ta’ 49, 50 u 261 u dan wara diversi sentenzi li saru definittivi.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni f’dawn il-proceduri, fid-9 ta’ Novembru 2017, li giet ikkonfermata minnha wara li nghatat z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li l-Qorti wissietha solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat ir-rapport tal-Ufficjal tal-Probation, presentat fl-1 ta’ Marzu, 2018;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 41, 49, 50, 261, 267, 308 u 340(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputata;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tikkundannha ghal sena prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**